**REGJUN XLOKK**

VALLETTA, BIRGU, ISLA, BORMLA, HAZ-ZABBAR, ZEJTUN, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL-TARXIEN, XGHAJRA.

# MINUTI

**Laqgħa tar-Regjun Xlokk**

**Laqgħa Nru. 32/2019 tat-Tielet Amministrazzjoni**

Data: 28 ta' Ottubru 2019

Ħin: 17.30

Post: Ufficcju Amministrattivi tar-Regjun Xlokk, f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Chev Paul Farrugia** | President | Reġjun Xlokk | PREŻENTI |
| **Sra. Alison Zerafa Civelli** | Viċi President u Sindku | Kunsill Lokali Bormla | PREŻENTI |
| **Sur Christopher Cassar** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Birgu | SKUZAT |
| **Sur Pierre Dalli** | Sindku | Kunsill Lokali Fgura | SKUZAT |
| **Sra. Davina Sammut Hili** | Sindku | Kunsill Lokali Floriana | PREŻENTI |
| **Sur Clive Pulis** | Sindku | Kunsill Lokali Isla | PREŻENTI |
| **Sra. Speranza Chircop** | Kunsillier | Kunsill Lokali Kalkara | PREŻENTI |
| **Sur Josef Azzopardi** | Sindku | Kunsill Lokali Marsa | PREŻENTI |
| **Sur Steven Grech** | Sindku | Kunsill Lokali M'xlokk | SKUZAT |
| **Sur Charlot Mifsud** | Kunsillier | Kunsill Lokali M'skala | PREŻENTI |
| **Sur Dominic Grima** | Sindku | Kunsill Lokali Paola | SKUZAT |
| **Sra. Darlene Vella Zammit** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Tarxien | SKUZAT |
| **Sur Ray Azzopardi** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Valletta | PREŻENTI |
| **Sur Neil Attard** | Sindku | Kunsill Lokali Xgħajra | PREZENTI |
| **Sur Jorge Grech** | Sindku | Kunsill Lokali Zabbar | SKUZAT |
| **Sinj. M. Doris Abela** | Sindku | Kunsill Lokali Zejtun | SKUZAT |
| **Sna Antonella Galea** | Segretarju Eżekuttiv | Reġjun Xlokk | PREŻENTI |

## AĠENDA

32.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

32.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

32.3 Komunikazzjoni mill-President;

32.4 Ħatra ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv;

32.5 Vakanza ta' Deputat Reġistratur mat-Tribunal Xlokk;

32.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;

32.7 Rapporti;

32.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru. 98/2019;

32.9 Mozzjonijiet;

32.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**TALBA**

**Il-President qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 32.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijia

Ittri ta' Apoloġija

i. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kumitat Reġjonali li kienu l-Kunsilli Lokali ta' Birgu, Fgura, M'xlokk, Paola, Tarxien, Zabbar, Zejtun li talbu sabiex ikunu skużati għal din il-laqgħa.

ii. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw dawn l-ittri ta' apoloġija.

## 32.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Iffirmar Minuti

i. Peress li l-Minuti numru 31/2019 kienu ġew iċċirkolati minn qabel, il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab l-approvazzjoni tal-Kunsill Reġjonali Xlokk.

ii. Is-Sur Ray Azzopardi Viċi Sindku Kunsill Lokali Valletta talab sabiex issir korrezzjoni u fejn hemm ***Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti*** trid tiġi taqra *"Is-Sur Ray Azzopardi -Viċi Sindku Kunsill Lokali Valletta ġibed l-attenzjoni li fil-Kunsill Lokali tiegħu waqt il-laqgħa tax-xahar ma kenux qed jitilgħu la l-Iskeda ta Pagmenti u anqas ir-Rapporti Finanzjarji u dwar dan kien diversi drabi ġibed l-attenzjoni tal-Awtoritajiet konċernati."*

ii.i Il-membri Kunsill Reġjonali Xlokk unanimament qablu li ssir tali korrezzjoni kif proposta.

iii. Sadanittant il-Minuti 31/2019 ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 32.3 Komunikazzjoni mill-President

**i.** Il-President nforma lill-Kunsill Reġjonali Xlokk li l-LESA kienet għada mhix qed tħallas ir-*running costs* imma bħalissa kienet għadha qed tirrifondi biss is-salarji. LESA

**i.i.** Żied jgħid il-President li wara li kienu ġew kkuntatjati mill-istess LESA dwar l-Audit ieħor dan ir-Reġjun kien bgħat l-invoices kollha relatati minn meta bdiet topera l-LESA jiġifieri minn Ottubru 2015 sal-lum il-ġurnata. Qal li s'issa konna għadna ma smajna xejn iktar dwar dan.

**ii.** Il-President informa lis-Sinjuri Membri li l-ħaddiema tal-RSSL assenjati mar-Reġjun Xlokk mill-1 t'Ottubru 2019 kienu qegħdin fil-Kunsilli Lokali Zejtun u Kalkara. Reġa thenna wkoll sabiex min jagħmel użu mis-servizz ta' dawn il-ħaddiema jaraw li jqabduhom xogħol ta' ċertu livell għaliex dawn il-ħaddiema huma kollha ħaddiema tas-sengħa. Talabhom ukoll il-President li jibgħatu lil dan l-uffiċċju kemm ir-rassenja kif ukoll xi ritratti tax-xogħol magħmul għaliex l-Aġenzija kienet qed titlobhom. Avża lill-Membri li kull min ried jagħmel użu mis-servizz ta' dawn il-ħaddiema kellu jibgħat email lir-Reġjun sabiex dan l-uffiċċju jkun f'pożizzjoni li jqassam l-iskeda għal dawn il-ħaddiema.

Ħaddiema RSSL assenjati mar-Reġjun Xlokk

**iii.** Il-President Paul Farrugia nforma lis-Sinjuri Membri li dwar l-art fejn kien qed ikun propost li kellha tinbena r-Reachout Centre konna attendejna laqgħa ġewwa l-Awtorita' tal-Ippjanar fejn konna ddiskutejna il-*footprint* għal binja. Żied jgħid li jidher li dak li konna pproponejna aħna kien ser jiġi

ART - Reachout Centre

aċċettat mill-istess PA. Il-Perit tar-Reġjun għall-proġett kien pprepara l-applikazzjoni uffiċċjali (PC Application) sabiex tkun inkluża l-art kollha għall-iżvilupp tal-proġett. Sadanittant il-PA kienet talbet sabiex l-Avukat tar-Reġjun jagħti konferma li din l-art kienet għaddiet għand ir-Reġjun Xlokk.

**iv.** Il-President nforma lis-Sinjuri membri li dwar il-problema bl-inkartament tat-Tribunal Lokali wara korrispondenza li kellna kemm mal-Ministeru kif ukoll mad-DLG, fl-aħħar kienet saret spezzjoni ġewwa l-istore ta' B'buġia kif ukoll ġewwa l-istess Tribunal Lokali minn Rappreżentant għad-Dipartiment. Storage garaxx B'bugia u trbunal Żejtun

**iv.i** Żied jgħid li s-Segretajru Eżekuttiv kienet saħansitra attendiet laqgħa dwar dan ġewwa DLG fejn preżenti għal-laqgħa kien hemm id-Direttur Ġenerali s-Sur Natalino Attard, id-Direttur is-Sur Christopher Galea, l-Asst. Direttur Vincent Vella, il-President u s-Segretarju Eżekuttiv Reġjun Ċentru s-Sur Michael Fenech Adami u s-Sra. Jeanette Galea rispettivament, flimkien mar-Reġistratur għat-Tribunal Ċentru.

**iv.ii** Temm jispjega l-President li sfortunatament dwar dan konna għadna ma rċevejniex risposta.

**v.** I l-President Paul Farrugia spejga li fir-rigward tal-kundizzjoni tal-bini tat-Tribunal Xlokk l-Onor Parnis kien talab meeting fejn prezenti kien hemm l-istess Silvio Parnis, hu bħala President, is-Sur Ray Zammit f'isem LESA s-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv Kunsill Lokali tal-Fgura. Kundizzjoni tal-bini tat-Tribunal Lokali Xlokk ġewwa ż-Żejtun

**v.i.** Qal li din il-laqgħa saret ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Fgura fejn kien qed jiġi propost li t-tribunal u store jiġu fil-binja tal-Kunsill Lokali Fgura. Qal li fost id-diskussjoni rrizulta li fil-binja tal-Kunsill Lokali ma kienx possibli. Sadanittant żied jispjega li bħala Kunsill Lokali Zejtun kienu bagħtu email lir-Reġjun Xlokk fejn talbu biex it-Tribunal Lokali jiżgombra l-binja taż-Żejtun.

**v.ii.** Qal li f'dan l-istadju kien qed jipproni li tinħareġ expression of interest sabiex jinstab post alternattiv. Il-Membri unanimament qablu li jsir dan.

**vi.** Il-President Paul Farrugia nforma lis-Sinjuri Membri li l-bins għal-loqom tas-sigaretti u/jew chewing gum kienu waslu u dawk kollha preżenti ngħataw l-invoice sabiex imexxu bil-ħlas hekk kif kien mifthiem fil-laqgħat preċedenti. Bins – loqom tas-sigaretti

**vi.i** Żied jispjega l-President Paul Farrugia li ladarba imbagħad isir il-ħlas kull Kunsill Lokali kellu jibgħat lir-Reġjun il-kopji tal-Invoice, payment voucher u Ċekk u riċevuta sabiex dan l-uffiċċju jkun jista' joħroġ ir-rifużjoni sħiħa kif maqbul fil-laqgħat preċedenti.

**vii.** Il-President Paul Farrugia nforma lill-Membri li minn 15-il Kunsill Lokali kienu biss 4 li ma kienux ġabru ż-żebgħa prrovduta b'xejn mir-Reġjun Xlokk. Dawn kienu l-Fgura, M'skala, Xgħajra u Floriana. Malta Pride Month

**viii.** Il-President Paul Farrugia talab lis-Sinjuri Membri biex bħala preparamenti għat-tender tal-iskart li ser tinħareġ 2022, jgħaddulna aktar dettalji bħal kundizzjonijiet u per eżempju tip u qies ta' vetturi għal ġbir ta' skart u dan sabiex inkunu nistgħu ninkludhom għad-diskussjoni. Tender Reġjonali - skart

**ix.** Il-President Paul Farrugia nforma lis-Sinjuri Membri li dalwaqt kienu ser jibdew id-dispensers tal-flixken tal-plastic. Dispensers tal-Plastik

**x.** Il-President Paul Farrugia nforma lis-Sinjuri Membri li ladarba l-Bord kien aċċetta l-applikazzjoni ta' dan l-uffiċċju għall-iskema ta' FONDI KULTURALI bħala tqassim tas-surplus mill-LESA, bħalissa konna fil-proċess li nippreparaw id-dokument għal ħruġ tat-tender relatata. Fondi kulturali LESA

**xi.** Il-President informa lill-membri li l-Arts Council Malta kienet nehdiet proġett bl-isem ta' CREATE 2020 – INVESTING IN CULTURAL AND CREATIVE CAPACITY SKILLS IN MALTA'S PUBLIC SECTOR, fejn kienet qed titlob kollaborazzjoni sabiex dan il-proġett jiġi mplimentat fost il-Kunsilli Reġjonali kif ukoll il-Kunsilli Lokali. Il-President talab il-kollaborazzjoni tal-Kunsilli Lokali f'dan ir-rigward sabiex jikkonsultaw mal-Arts Council Malta dwar attivitajiet kulturali fil-lokalitajiet rispettivi. Arts Council malta

**xii.** Il-President informa lis-Sinjuri Membri li kienet ser tintbgħat ittra lill-Ministeri kollha sabiex min ikun interessat setgħa jakkwista xi kopji mill-kotba ppubblikati mir-Reġjun Xlokk. Kotba – Reġjun Xlokk

**xii.i** Il-membri preżenti unanimament qablu li tintbgħat tali ittra.

**xiii.** Il-President Paul Farrugia nforma lis-Sinjuri Membri li għal Konferenza National Conference of Well Being mtella' mill-AKL nhar id-19 t'Ottubru kien hu biss li attenda mir-Reġjun Xlokk. National Conference of Well Being

**xiv.** Il-President talab lis-Sinjuri membri sabiex jinfurmawna kemm il-household għandhom kull Kunsill Lokali fil-lokalita'. Households fil-lokalitajiet

## 32.4 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**i.** Il-President informa lis-Sinjuri Membri li bir-riforma fil-liġi kull Reġjun kif ukoll kull Kunsill Lokali kellu jkollu Deputat Segretarju Eżekuttiv. Għaldaqstant huwa bħala President kien qed jipproponi sabiex dan l-irwol jingħata lis-Sra Jeanette Galea Segretarju Eżekuttiv Reġjun Ċentru.

**i.i** Saret diskussjoni mis-Sinjuri Membri u kien hemm qbil unanimu li fl-assenza fit-tul tas-Sna Antonella Galea Segretarju Eżekuttiv attwali tar-Reġjun Xlokk, dan l-irwol jimtela' mis-Sra Jeanette Galea.

## 32.5 Vakanza ta' Deputat Reġistratur mat-Tribunal Xlokk

**Deputat Reġistratur**

**i.** Il-President informa lis-Sinjuri Membri li t-Tribunal Xlokk kien l-uniku tribunal li ma kellux Deputat Reġistratur u li dan il-fatt kien setgħa joħloq xi problema f'każ li r-Reġistratur tkun nieqsa. Zied jgħid il-President li għaldaqstant kien qed jipproponi li tinħareġ sejħa għal Deputat Reġistratur Skala 13 mat-Tribunal Xlokk.

**i.i** Saret diskussjoni dwar dan mis-Sinjuri Membri u unanimament kien deċiż li toħroġ sejħa għal Deputat Reġistratur mat-Tribunal Xlokk.

**32.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti**

**i.** Ma kienx hemm mistoqsijiet mibgħuta minn qabel min-naħa tal-Membri x'jiġu mwieġba.

**32.7 Rapporti**

**i.** Ma kienx hemm rapporti x'jiġu mgħoddija.

**32.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru.98/2019**

**i.** L-Iskeda tal-Pagamenti 98/2019 ġiet approvata u ġiet iffirmata wkoll minn żewġ membri tal-Kunsill Reġjonali Xlokk, mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**ii.** Il-President informa lill-Kumitat li kienu għadhom qed jinħarġu u jintbgħatu xi pagamenti nkluż l-10% tal-LES dovuti lill-Kunsilli Lokali. Il-Kumitat preżenti unanimament approva li jinħarġu u jintbgħatu dawn il-pagamenti speċjalment l-10% dovuti lill-Kunsilli Lokali.

**32.9 Mozzjonijiet**

**i.** Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**32.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

**i.** Il-laqgħa ntemmet fi 19:00hrs.

**ii.** Laqgħa oħra kienet ser tinżamm nhar it-Tlieta 26 ta' Novembru 2019 fil-5:30pm.

*(Iffirmat)*
***Kav. Paul Farrugia***
***President***

*(Iffirmat)*
***Antonella Galea***
***Segretarju Eżekuttiv***